MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 264/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. D. Zammit)**

**Vs**

**Omissis**
**Saada Sammut**

**Il-Qorti:**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti w persuna ohra, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli nhar is-17 ta' Marzu, 2006, ghall-habta tas-1.30 p.m., flimkien ma persuna ohra mhux maghrufa, minn gewwa l-istabbiliment "Zara", ikkommettew serq ta' diversi oggetti fosthom hwejjeg, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitt lira Maltin (LM100) izda mhux l-elf lira Maltin (LM1000)**

**ghad-detriment ta’ l-propjetarju tal-istabbiliment “Zara” u/jew persuna/i ohra.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-14 ta’ Lulju, 2006, li biha, wara li rat l-artikoli 42 (b)(d), 261(c), 267, 281, 285, 7(2) u 338(g) (dawn l-ahhar artikoli fil-konfront ta’ omissis biss) tal-Kap. 9, sabet lill-appellanti hatja tal-imputazzjoni dedotta kontriha bhala komplici fis-serqa – reat li huwa kompriz u involut fl-imputazzjoni, dejjem minghajr l-aggravju tal-ammont – u kkundannatha erba’ xhur prigunerija li minhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li ghaddiet taht arrest preventiv.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fil-25 ta’ Lulju, 2006, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellanti minn kull htija, w alternattivament, tirriforma, tvarja w tibdel is-sentenza appellata tal-14 ta’ Lulju, 2006 u dan billi tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellanti hatja ta’ serq semplici u mhux aggravat u tirrevoka l-parti tas-sentenza li fiha l-appellanti giet ikkundannata ghal erba’ xhur prigunerija w konsegwentement tibdel il-piena inflitta ghal wahda aktar lievi u dan skond dawk il-provvidimenti li l-Qorti jidhrilha xierqa w opportuni

**Fliet l-atti kollha processwali,**

**Rat illi l-aggravji tal-appellanti, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe’ li minkejja li l-Ewwel Qorti emfasizzat l-importanza tal-korroborazzjoni ta’ evidenza fil-kaz ta’ ko-imputat li jixhed kontra ko-imputat iehor, ma tidhirx b’ mod car il-korroborazzjoni ta’ evidenza fis-sentenza appellata. 2. li l-Ewwel Qorti strahet fuq il-filmat li fih l-appellanti tidher flimkien mal-ko-imputat l-iehor imma l-fatt li tnejn minn-nies jidhru hergin minn hanut flimkien meta l-persuna l-ohra tkun ikkommettiet reat, ma jfissirx illi dik il-persuna hija komplici fir-reat li kkommetta l-iehor. 3. Li l-Ewwel Qorti emmnet il-versjoni ta’ Tarek Ayari li gideb lill-Pulizija anki fl-ghoti tad-dettalji personali tieghu w ma**

**emmnitx il-versjoni ta' l-appellanti li kienet konsistenti fil-versjoni taghha mill-bidu. 4. Li l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti kienet wahda eccessiva ghalkemm tidhol fil-parametri tal-ligi, meta wiehed jikkonsidra li l-appellanti ghandha fedina penali nadifa w hi *first time offender*.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94;** "Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi **" [14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991] ;** "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn .)**

**Illi din il-Qorti ghamlet dan l-ezami approfondit tal-provi , inkluz id-DVD tal-filmat Dok. DZ3.**

**Minn dawn il-provi jirrizulta li l-appellanti kienet hierga flimkien ma zewg irgiel li wiehed minnhom kien l-ko-imputat Tarek Ayari, mill-istabbiliment tal-hwejjeg Zara, f' Tower Road, Sliema fis-7 ta' Marzu, 2006, meta daqq l-alarm tal-istess hanut. Huma kienu gew imwaqqfin minn Jonathan Gilson, is-security officer tal-hanut. Iz-zewgt irgiel kienu lahqu hargu w kellhom zewgt basktijiet f' idejhom. Sussegwentement il-pulizija nghatat il-filmat li kien ittiehed bic CCTV tal-hanut u li fih l-appellanti dehret diehla fic-*changing room* waqt li persuna li kienet tidher ta' nazzjonalita' gharbija w li wara gie identifikat bhala Tarek Ayari kien bilqeghda fuq is-sufan barra c-*changing room* jistenniha. X' hin harget mic-*changing room*, dan fetah il-basket kbir tal-karti li kellu w l-appellanti dehret titfa' xi affarijiet go dan il-basket. Ir-ragel deher ihares lejhom umbaghad qamu w telqu mill-area li kienet turi l-camera. Meta sussegwentement l-imputata giet interrogata fl-ghassa, hi cahdet li kienet taf li dawn iz-zewg irgiel u cahdet li kienet involuta.**

**Fl-istqarrija taghha (Dok. DZ6 a fl. 26 et seq. tal-process), l-**appellanti **qalet *"inter alia"* li kienet marret fil-hanut in kwistjoni l-jum ta' qabel ghall-habta tas-siegha, wahedha. Ma kienetx fil-kumpanija ta' zewgt irgiel ohra. Mistoqsija jekk kienetx kellmet lil xi hadd hemm gew, wiegbet testwalment hekk :-**

"*Naf li waqt li kont fil-hanut gie wiehed li kien liebes gakketta kannella u qaghad jaqbad mieghi u jien ghidtlu biex ihallini. Ma nafx x' nazzjonalita' kien, pero beda jkellimni bil-Malti. Beda jittantani u jien bqajt nghidlu "Please hallini." Naf li f' hin minnhom imbaghad ipprovajt qalziet u hrigt fil-hanut ergajt minn gewwa c-changing room. Dan baqa' jdur warajja. Wara ftit tal-hin indur fil-hanut iddecidejt li nitlaq u dan ir-ragel hareg warajja. Waqt li kont hierga beda jitlobni il-mobile phone tieghi biex ikun jista' jcempel. Jien ghidtlu le. Jien u hierga mill-bieb is-*

*security talabni biex nerga ftit lura. Jien hekk ghamilt. Imbaghad ergajt imxejt u bqajt hierga. Nghid li imbaghad rajt lis-security ifittex fil-basket ta' dan ir-ragel. X' hin wasalt barra ghamilt xi hin inhares il gewwa fil-hanut biex nara x' kien ser jigri u hargu zewgt irgiel u regghu dahhluni fil-hanut. Jien ghidtilhom "Jien x' ghandi x' naqsam?" Imbaghad gew il-Pulizija u haduni l-ghassa."* Ghad-domanda "*Nghid sew illi meta inti dhalt fic-changing room dahhalt aktar minn oggett wiehed x' tipprova u mhux kif qed tghid int li dahhalt qalziet biss?"* wiegbet : *"Jien dahhalt tlitt qliezet."*

Ziedet tghid li l-hwejjeg kienu f' idha x-xellugija hekk kif harget mic-*changing room* u hi ma tat xejn lil dan ir-ragel, kif kien issuggeriut lilha mill-interrogatrur. Konfrontata mar-ragel qalet li hu jafha imma hi ma tafux. Cahdet li kienet miftehma mall-irgiel biex tmur tixtri l-hwejjeg minn Zara, tatihom lilhom biex johorguhomlha bla ma thallas umbaghad hi tatihom ghoxrin lira. Gharfet lilha nnifisha fil-video izda meta giet mitluba taghti spjegazzjoni ghala tidher qed taghti xi haga lil dak ir-ragel, qalet : *"Jien ma tajtu xejn lil dak ir-ragel."*

**Meta xehdet quddiem l-Ewwel Qorti, l-**appellanti **bdiet biex qalet li kienet sejra ddur il-hwienet dak in-nhar biex tixtri affarijiet tal-hwejjeg. Kienet fil-hanut u r-ragel l-iehor li kien maghha (l-ko-imputat Tarek Ayar) kien warajha. Kellu habib iehor tieghu mieghu. Qaghad ikellimha Tarek. Lil Tarek hekk ma tgharfux (ma tafux) imma tarah San Pawl. Tghidlu bongu daqshekk. Qaghad jittantha : *"Meta narak?" "Tini n-number tieghek.".* Qaltlu "*Tkellimnix."*  Hu w l-habib tieghu qaghdu jduru fil-hanut, hbew affarijiet, hi gharfet li ser jiehdu affarijiet. Hi f' ebda hin ma hadet affarijiet u ghaddiethom lil Tarek jew lil habib tieghu. Hi veru dahlet tipprova l-hwejjeg. F'idejha kellha tlitt qliezet pero minhabba li kienet tqila. Dawn regghet halliethom fejn kienu fil-hanut. Lil Tarek ma tatu xejn dak in-nhar. Hi harget l-ewwel mill-hanut. Daqqet l-alarm meta hareg Tarek u l-habib tieghu. Waqqaf lilhom u huma qabdu w telqu w harbu. Hi bhan-nies kollha waqfet tara x' qed jigri w huma baqghu telqin il**

**fuq bil-basket. Hi ma harbitx ghax m' ghandhiex ghalfejn. Lilha ma sabulha xejn fil-basket taghha. Hi ma hadet xejn.**

**Mistoqsija in kontro-ezami ghala, la Tarek beda jdejjaqha, ghalfejn bdiet iddur mieghu fil-hanut wiegbet: *"Mhux kullhadd ikellem, mhux Gharbi, kellimni u kellimtu u daqshekk. Ma kontx naf li ser jaghmel dawk l-affarijiet jew jisraq." "Hu qaghad idur warajja." "Hu qaghad ikellimni mhux jien qaghadt inkellmu…. Jiena xejn ma kellimtu."***

**Mistoqsija jekk x' hin hi harget mic-*changing room* hu kienx qed jistennihja barra bil-qeghda fuq is-sufan, l-ewwel wiegbet "*Ma ghandux ghalfejn jistennieni lili."*, umbaghad qalet : *"Ma ngharafx x' kien jaghmel."* Sabitu fuq is-sufan x' hin harget mic-*changing room*. Mistoqsija: *"U x' hin kien fuq is-sufan inti ersaqt lejh u bdejtu titkellmu u fetahlek il-baskjet u tfajt xi haga fil-basket.."* wiegbet : "*Le ghidtlu tkellimnix u daqshekk." "Ma tlaqniex flimkien." "Le ma hrigtx maghhom jien."* Meta dahlu fil-hanut Tarek u l-habib tieghu kienu warajha. Qabel hi kienet qed tiehu l-kafe' u huma kienu qeghdin hemm imma hi ma kienetx maghhom. Lil Tarek tafu San Pawl u lill-iehor, l-Algerin, ma tafux; tarah ma Tarek. Mhux veru poggiet affarijiet fil-basket li kellhom Tarek u l-iehor.**

**Mid-depozizzjoni ta'** Malcolm Attard**, Manager tal-hanut Zara, rrizulta li fic-*changing room* tax-xellug, minn fejn dehret hierga l-appellanti fil-video, kienu sabu tlitt tags, tnejn taz-zraben u wahda ta' l-hwejjeg. Fuq il-persuna tal-appellanti ma sabu xejn. Il-basket kbir kien f' idejn l-irgiel. Fil-video kien jidherTarek Ayari li x-xhud identifika quddiem il-Qorti. Dan jidher ezatt quddiem ic-*changing rooms*, b' bilqeghda, b' basket quddiemu , bejn saqajh. Kif tohrog mill-video jidher car li l-appellanti qed tnewwel xi haga lilu li qed jigi mitfugh f' dan il-basket l-iswed li kien bejn saqajh. Umbaghad jidhru flimkien bil-basket f' idejhom hergin, Ayari, il-mara u ragel iehor. Bl-istess basket f'**

**idejhom huma w hergin minn gol-hanut ghax l-ahhar camera qeghda ezatt fejn ikun hemm is-security.**

Jonathan Gilson, **li jadem bhala *security officer* gol-hanut in kwistjoni, xehed li fis-17 ta' Marzu, 2006, kien hemm tlitt persuni w hargu mill-hanut. Tnejn minnhom kien qed jarhom il-Qorti. Kif hargu daqq l-alarm u waqqafhom u zammhom. Kellhom basket kbir ahdar li ma kienx tal-istess hanut. Meta ghaddew huma l-alarm ma daqqx izda, meta ghaddew il-basket, daqq u allura kien hemm xi haga fil-basket. Meta talabhom biex jiccekkja baqghu jehduh bil-kliem. Sakemm waslu barra tnejn minnhom lahqu harbu w lill-mara li gharafha bhala l-appellanti, rmexxilu jzommha. Gharaf ukoll lil ko-imputat Tarek Ayari bhala wiehed miz-zewg irgiel li kienu hemm dak il-hin. Il-baskett qatt ma kien f' idejn l-appellanti.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda in-nuqqas ta' korroborazzjoni ta' dak li qal il-ko-imputat Tarek Ayari fuq l-appellanti. Fir-rikors ta' l-appell jintqal li l-Ewwel Qorti qalet li hu importanti li jkun hemm il-korroborazzjoni ta' dak li jkun xehed il-ko-imputat imma umbaghad fis-sentenza ma intqalx x' inhi dil-korroborazzjoni.**

**Illi mill-ezami tal-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti kienet qed tikkonsidra l-htija tal-appellanti, (Fols.134 u 135), din il-Qorti l-ewwel sabet riferenza ghall-paragrafi 38 u 39 fejn l-ewwel Qorti kienet qed tittratta l-htija tal-ko-imputat. F' dawn iz-zewg paragrafi l-Ewwel Qorti qalet testwalment hekk :-**

***"38. Id-difiza qalet li jekk il-Qorti tistrieh fuq dak li qalet l-imputata l-ohra allura trid il-korroborazzjoni. Dan hu skond ma jipprovdi l-artikolu 639 (3) tal-Kap.9 li jghid li meta f' kaz ta' komplici l-evidenza tkun ta' xhud wiehed, din ma tkunx bizzejjed biex l-imputat jinstab hati jekk ma (Sic!) ix-xhieda ma tkunx korroborata b' cirkostanzi ohra. Ghalhekk il-Qorti fil-***

***kaz ta' l-imputat Tarek Ayari, mhix ser tistrieh fuq ix-xhieda ta' Saada Sammut ghalkemm setghet taghmel dan basta jkun hemm cirkostanzi ohra li jikkorroboraw dak li tkun qalet. "***
***"39. Il-Qorti zzid li lanqas m'hi ser tikkonsidra x' qalet Saadi (Sic!) Sammut fl-istqarrija taghha lill-Pulizija minnhabba li l-artikolu 661 tal-Kap.9 jipprovdi :***

*"Stqarrija ma tistax tittiehed bhala xhieda hlief kontra l-persuna li jaghmilha u ma tistax tkun ta' pregudizzju kontra persuna ohra."* (Fol. 132)

**Wara li ppremettiet dan, l-Ewwel Qorti a fol. 134 kompliet tghid :-**

*"Ghalhekk il-Qorti mhix ser tistrieh fuq dak li stqarr u xehed biss l-imputat Tarek Ayari jekk ma jkollhiex cirkostanzi ohra li jservu ta' provi biex jikkorroboraw dak li qal l-imputat."*

**Bir-rispett dan hu in parti korrett u in parti manifestament skorrett.**

**Fil-waqt li l-Ewwel Qorti kienet korretta legalment meta qalet li ma tistax tqis l-istqarrija ta' kull wiehed miz-zewg ko-imputati kontra xulxin a tenur tal-artikolu 661 fuq citat u ghamlet sew meta ghamlet hekk, kienet skorretta meta qalet jew implikat li setghet tqis ix-xhieda tal-ko-imputat kontra l-ko-imputata l-ohra, l-appellanti odjerna, jekk ikollha "*cirkostanzi ohra li jservu ta' provi biex jikkorroboraw dak li qal l-imputat"* cioe' ko-imputat.**

**Illi l-pozizzjoni korretta hija li jghidu x' jghidu ko-imputati jew ko-akkuzati kontra xulxin qatt ma jista' jiswa bhala prova kontra l-ko-imputat/l jew ko-akkuzat/l iehor jew ohrajn. Din ir-regola giet sahansitra interpretata w estiza mil-gurisprudenza biex anki tkopri kazijiet fejn persuni li jkunu akkuzati bl-istess reat imma fi proceduri separati lanqas ma jkunu producibbli kontra xulxin, hlief meta il-process tax-xhud ikun gie deciz definittivament. Hu biss hawn**

**li mbaghad tiskatta r-regola procedurali kontenuta fl-artikolu 639 (3) li d-depozizzjoni tal-komplici wahedha ma tkunx bizzejjed jekk ma tkunx korroborata b' cirkostanzi ohra.**

**Hekk di fatti kien gie ritenut mill-Qorti Kriminali b' Digriet tat-22 ta' Dicembru, 1998 fil-kawza** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia" **. Dik il-Qorti, f' dak id-Digriet, wara li ghamlet riferenza ghall-gurisprudenza hemm citata, rriteniet li persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra dak l-akkuzat l-iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor <u>sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz </u>u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b' mod li jkun hemm "ko-akkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sija jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu l-argument *"a contrario sensu"* li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement dik il-Qorti kienet iddecidiet li dak ix-xhud li kien akkuzat bhala ko-awtur bl-istess reat li bih l-akkuzat kien jinsab akkuzat, ma hux kompetenti li jixhed, qabel ma l-kaz tieghu jghaddi in gudikat. (Ara ukoll fl-istess sens Digriet tal-Qorti Kriminali fil-kawza** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Brian Vella" **[4.2.2004] u ohrajn.) L-unika eccezzjoni ghal dir-regola hi proprju dik kontenuta fl-art. 636 (b) li tirrendi tali xhud kompetenti biex jixhed ghalkemm ikun imputat tal-istess reat li fuqu tkun mehtiega x-xhieda tieghu, meta l-Gvern ikun weghdu jew tah l-impunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed.**

**Ghalhekk, f' dan il-kaz hu ovvju li ladarba l-appellanti w Tarek Ayari kienu ko-imputati w akkuzati bl-istess reat, mhux biss l-istqarriji taghhom rispettivi ma setghux jaghmlu prova kontra l-ko-imputat/a imma lanqas ix-xhieda li taw quddiem l-Ewwel Qorti ma setghu jitqiesu bhala prova fil-konfront tal-ko-imputat jew ko-imputata l-ohra. Ghalhekk hawn non si tratta tal-htiega o meno ta' korroborazzjoni kif donnha**

**induciet lil Qorti biex tghid zbaljatament id-difiza tal-appellanti fit-trattazzjoni taghha – zball tad-difiza wkoll ripetut fir-rikors tal-appell - imma ta' prova li ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti, ghax dak li jixhed ko-imputat ma jiswiex bi prova la favur u lanqas kontra ko-imputat iehor.**

**Precizat dan pero', wiehed irid ukoll josserva li l-Ewwel Qorti kompliet tghid li : "*Kieku l-Qorti kellha teskludi ghal kollox dak li qal l-imputat l-iehor Tarek Ayari dwar il-ftehim li kien sehh, jibqghu (a) il-fatti kif jidhru fid-DVD, ecc. ecc…..*" Umbaghad wara li analizzat diversi elementi ndizjarji w fattwali, kkonkludiet hekk :- "*<u>Fuq dan biss</u> il-Qorti hija konvinta li l-imputata Saada Sammut kirenet involuta fis-serqa.*" (sottolinear tal-Qorti).**

**Hu minnu li aktar 'l isfel il-Qorti regghet qalet zbaljatament li *"ai termini tal-artikolu 639 (3) din l-evidenza kollha ghandha titqies bhala dawk ic-cirkostanzi l-ohrajn, rikjesti mit-tali artikolu, li jikkorroboraw dak li xehed Tarek Ayari…."* , pero' din il-Qorti tifhem li l-Ewwel Qorti kienet gja ddecidiet dwar il-htija tal-appellanti <u>fuq ic-cirkostanzi l-ohra biss</u>, w apparti mix-xhieda tal-ko-imputat Ayari.**

F' dan il-kontest it-tielet aggravju jidher in parti fondat mhux ghax l-Ewwel Qorti emmnet lil Ayari w ma emmnitx lill-appellanti imma ghax qatt ma messha qieset il-versjoni tal-ko-imputat Ayari bhala prova fil-konfront tal-kaz tal-appellanti kif fuq intqal.

**Ikkonsidrat;**

**Fl-ewwel u fit-tieni aggravju l-appellanti ukoll tissottometti li c-cirkostanzi li semmiet l-Ewwel Qorti biex waslet ghall-konkluzzjoni taghha ta' htija, ma jwasslux konkluzzivament ghall-prova tal-htija. Din hi kwistjoni purament ta' apprezzament ta' fatt.**

**Din il-Qorti wara li rat id-DVD u analizzat il-provi kollha ammissibbli migjuba kontra l-appellanti**

**tikkondividi pjenament l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti w li kollox jindika bla ebda dubju dettat mir-raguni li l-appellanti marret fil-hanut Zara mall-ko-imputat u ragel iehor, li f' xi hin poggiet oggetti fil-basket tal-plastic li kien qed igorr Ayari, li ippruvat tohrog mill-hanut flimkien ma dawn iz-zewg irgiel, li umbaghad, ghalkemm hi ghaddiet, baqghet tistenna lill-ohrajn meta daqq l-alarm, minnflok baqghet sejra ghall-affari taghha sakemm umbaghad l-ohrajn zgiccaw u hi nzammat mis-Security officer Gilson.**

**L-istorja taghha li kien hemm ragel gharbi li tafu imma ssellimlu biss u li kien qabad maghha fil-hanut biex jittantha w jiffittha hija wahda li ma tistax remotament titwemmen. Mara li jkollha ragel qed jittantha w jdejjaqha ma tmurx hdejh hi fejn ikun bil-qeghda w tigi tidher qed tpoggi xi oggett fil-basket tieghu. Umbaghad kieku kien verament qed idejjaqha w jipprova johrog warajha biex jitlobha il-mobile phone, meta dar-ragel inzamm mis-security officer, kienet tipproftta ruha mill-fatt li hu kien inzamm u tlebbet lil hinn u mhux tieqaf tistennieh jew tistenna halli tara x' kien ser jigri kif qalet fl-istqarrija taghha. Kieku ma kienx hemm il-prova indizjarja qawwija tac-CCTV, forsi l-appellanti kien ikollha kaz tajjeb biex tiskolpa ruha, imma bil-mezzi teknologici tal-lum, certi trovaturi li johrog bihom is-suspettati jistghu facilment jigu imxejjna. Hekk gara f' dan il-kaz u din il-Qorti tara li r-ragunijiet li mmotivaw lill-Ewwel Qorti biex tasal ghall-htija tal-appellanti, indipendentement ghal kollox mix-xhieda tal-ko-imputat, huma b' sahhithom bizzejjed biex ireggu w ma thoss li ghandha b' xi mod tiddisturbhom.**

**Ghalhekk l-aggravji tal-appellanti dwar is-sejbien ta' htija taghha qed jigu respinti.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dwar l-ahhar aggravju dwar il-piena jigi osservat li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi**

**disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** Ir-Repubbblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] ,** "Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**" [24.4.2003] u ohrajn.) F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi, kif del resto taccetta l-istess appellanti fir-rikors tal-appell taghha.**

**Li ghar-rigward tal-aggravju li l-appellanti kienet tqila, jirrizulta li din il-Qorti li fil-fatt din it-tqala intemmet fil-mori tal-appell bit-twelid ta' tarbija. Illi pero' kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali Kollegjali fil-kawza "**Ir-Repubbika ta' Malta vs. Tracey Borg**" [15.5.2003] u f' kull kaz din il-Qorti ma tarax li l-fatt <u>wahdu</u> li l-appellanti, fil-mori ta' din il-kawza, kellha t-tfal ghandu jinfluwixxi fuq il-piena. Kieku kellu jsir hekk, persuna taht process kriminali jew addirittura sentenzjata minn Qorti tal-ewwel grad, tista' facilment tirrikorri ghall-espedjent li jkolllha t-tfal bil-ghan li tinkorri piena inqas harxa. Kullhadd irid jerfa' r-responsabbilta' ghall-azzjonijiet tieghu w d-decizjoni ta' persuna li jkollha jew ma jkollhiex tfal hija decizjoni personali li wiehed irid jizen b'responsabilta' w impenn konsidrati c-cirkostanzi personali tal-persuna koncernata. Jekk xi hadd jiddeciedi li jkollu t-tfal, hu jrid jerfa' l-konsegwenzi tal-agir tieghu w ma jistax jistenna' li xi Qorti toqghod tqis il-konsegwenzi ghall-prole li ma jkunx qies hu stess.**

Mill-banda l-ohra pero' mill-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita quddiem din il-Qorti w li ghal xi raguni mhux spjegata ma jidhirx li giet esebita quddiem l-Ewwel Qorti, jirrizulta li l-appellanti hija incensurata.

**Kieku l-Ewwel Qorti kellha l-opportunita' li tara l-fedina penali tal-appellanti, zgur li kienet tittratta maghha bhala "*first time offender*" f' kaz wiehed u x' aktarx li kienet tapplika provvediment aktar miti minn dak ta' prigunerija effettiva.**

**Ikkonsidrat;**

**Li meta tqis l-entita' tal-oggetti misruqa li jaqghu taht il-parametri ta' serq semplici w mhux aggravat, il-fatt li l-appellanti hija *"a first time offender"* u llum ghandha r-responsabbilta' ta' omm ta' tarbija ta' ftit granet, tara li jkun aktar xieraq jekk il-piena ta' erba xhur prigunerija gustament erogata mill-Ewwel Qorti tkun wahda sospiza ghall-erba snin a tenur tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk l-aggravju tal-appellanti dwar il-piena qed jigi milqugh.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fl-intier taghha in kwantu tolqot lill-appellanti odjerna b' dana pero' li tirriformaha biss billi a tenur tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed tordna li l-piena ta' erba (4) xhur prigunerija m'ghandhiex tibda' sehh hlief jekk, matul il-periodu ta' erba (4) snin mill-lum, l-appellanti tikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija w wara dan Qorti kompetenti tordna bis-sahha ta' l-artikolu 28B li din is-sentenza ghandha tibda' sehh.**

**Il-Qorti qed tispjega lill-appellanti bi kliem car ir-responsabbilta' taghha taht l-artikolu 28B jekk ma tul il-periodu operattiv hi tikkommetti reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------